

**Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Corte costituzionale (l-Italja) fil-21 ta' April 2008 — Presidente del Consiglio dei Ministri vs Regione autonoma della Sardegna**

(Kawża C-169/08)

(2008/C 171/35)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte costituzionale

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Presidente del Consiglio dei Ministri.

Konvenut: Regione autonoma della Sardegna.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 49 tat-Trattat għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola, bħal dik prevista fl-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 4 tar-Reġjun ta' Sardinja tal-11 ta' Mejju 2006 (Diversi dispożizzjonijiet fil-qasam tad-dħul, riklassifikazzjoni tan-nefqa, politika soċjali u ta' l-iżvilupp), fit-test issostitwit bl-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 2 tar-Reġjun ta' Sardinja tad-29 ta' Mejju 2007 (Dispożizzjonijiet għall-formazzjoni tal-karta tal-bilanċ annwali u multi-annwali tar-Reġjun — Liġi finanzjarja 2007), li ttiprovdi li t-taxxa reġjonali għall-waqfien ta' ajruplani għal skopijiet turistiċi hija imposta biss fuq l-impriżi li għandhom domiċilju fiskali barra mir-Reġjun ta' Sardinja u li joperaw ajruplani li jużaw huma stess għat-trasport ta' persuni fl-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni kummerċjali ġenerali?
- 2) L-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 4 tar-Reġjun ta' Sardinja ta' l-2006, fit-test issostitwit bl-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 2 tar-Reġjun ta' Sardinja ta' l-2007, meta jipprevedi li t-taxxa reġjonali għall-waqfien ta' ajruplani għal skopijiet turistiċi għandha tkun imposta biss fuq l-impriżi li għandhom domiċilju fiskali barra mir-Reġjun ta' Sardinja u li joperaw ajruplani huma stess għat-trasport ta' persuni fl-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' l-avjazzjoni kummerċjali ġenerali, jikkostitwixxi — fis-sens ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat — għajnuna mill-Istat għal impriżi li jeżerċitaw l-istess attività b'domiċilju fiskali fit-territorju tar-Reġjun ta' Sardinja?
- 3) L-Artikolu 49 tat-Trattat għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola, bħal dik prevista mill-istess Artikolu 4 tal-Liġi Nru 4 tar-Reġjun ta' Sardinja ta' l-2006, fit-test issostitwit bl-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 2 tar-Reġjun ta' Sardinja ta' l-2007, li ttiprovdi li t-taxxa reġjonali għall-waqfien ta' inġenji ta' rikreazzjoni għal skopijiet turistiċi għandha tkun imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju tar-Reġjun ta' Sardinja li joperaw inġenji ta' rikreazzjoni u li l-attività kummerċjali tagħhom tikkonsisti fil-provvista ta' tali inġenji lil terzi?
- 4) L-istess Artikolu 4 tal-Liġi Nru 4 tar-Reġjun ta' Sardinja ta' l-2006, fit-test issostitwit bl-Artikolu 3(3) tal-Liġi Nru 2 tar-

Reġjun ta' Sardinja ta' l-2007, meta jipprevedi li t-taxxa reġjonali għall-waqfien ta' inġenji ta' rikreazzjoni għal skopijiet turistiċi għandha tkun imposta biss fuq l-impriżi li għandhom id-domiċilju fiskali barra mit-territorju tar-Reġjun ta' Sardinja li joperaw inġenji ta' rikreazzjoni u li l-attività kummerċjali tagħhom tikkonsisti fil-provvista ta' tali inġenji lil terzi, jikkostitwixxi — fis-sens ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat — għajnuna mill-Istat għal impriżi li jeżerċitaw l-istess attività b'domiċilju fiskali fit-territorju tar-Reġjun ta' Sardinja.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-171/08)

(2008/C 171/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Montaguti, P. Guerra e Andrade u M. Telles Romão, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

- tiddikjara li r-Repubblika Portugiża, billi żammet id-drittijiet speċjali ta' l-Istat u ta' entitajiet pubbliċi oħra f'Portugal Telecom S.A., li jirriżultaw mill-ishma privileġġati (*golden shares*) ta' l-Istat f'Portugal Telecom S.A., naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 56 u 43 KE.
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-Istat Portugiża huwa detentur ta' 500 sehem privileġġati (*golden shares*) f'Portugal Telecom S.A. (iktar 'il quddiem "PT"). Dawn l-ishma jagħtu lill-Istat id-dritt ta' veto fir-rigward tad-deliberazzjonijiet għall-elezzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali, għall-elezzjoni tal-President tal-Kumitat Sindakali u tar-reviżur uffiċjali tal-kontijiet, għall-eżekuzzjoni tar-riżultati ta' l-eżerċizzju, għall-bidla ta' l-istatut, għaż-żieda fil-kapital, għal-limitazzjoni u għall-eliminazzjoni ta' drittijiet privileġġati, għall-ħruġ ta' sigurtajiet u ta' titoli immobbli oħra, għall-iffissar ta' l-għanijiet ġenerali u tal-prinċipji fundamentali tal-politika tal-kumpannija, għad-definizzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-politika dwar il-parteċipazzjoni f'kumpanniji, għall-awtorizzazzjoni tal-bidla fis-sede u għall-awtorizzazzjoni ta' l-akkwist ta' ishma li jirrapreżentaw iktar minn 10 % tal-kapital azzjonarju mingħand azzjonisti li jeżerċitaw, direttament jew indirettament, attivitajiet kompetittivi permezz ta' kumpanniji li jeżerċitaw kontroll fuq PT u d-dritt ta' veto fir-rigward ta' terz ta' l-amministraturi, inkluż, neċessarjament, il-President tal-Kumitat Amministrattiv.